L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

P9_TA(2021)0465

Proċedura tal-baġit 2022: test konġunt

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2021 dwar l-abbozz konġunt ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja (13911/2021 – C9-0428/2021 – 2021/0227(BUD))

(2022/C 224/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u d-dikjarazzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (13911/2021 – C9-0428/2021),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, adottat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Lulju 2021 (COM(2021)0300),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, adottata mill-Kunsill fis-6 ta' Settembru 2021 u li ntbagħat lill-Parlament fl-10 ta' Settembru 2021 (11352/2021 – C9-0353/2021),

— wara li kkunsidra l-Ittra emendatorja Nru 1/2022 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Ottubru 2021 (COM(2021)0642),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 ([1]) u l-emendi baġitarji li tinkludi,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 UE tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 95 u l-Artikolu 96 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A9-0326/2021),

1. Japprova t-test konġunt;

([1]) Testi adottati, P9_TA(2021)0432.
([2]) ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.
([3]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([4]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
([5]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

2. Jikkonferma d-dikjarazzjonijiet konġunti annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

ANNESS:

FINALI

Baġit 2022 – **Elementi għal konklużjonijiet konġunti**

Dawn il-konklużjonijiet konġunti jkopru t-taqsimiet li ġejjin:

1. Baġit 2022

2. Baġit 2021 – Abbozzi ta' Baġit Emendatorji Nru 5/2021 u Nru 6/2021

3. Dikjarazzjonijiet

Ħarsa ġenerali

A. **Baġit 2022**

Skont l-elementi għall-konklużjonijiet konġunti:

— Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit tal-2022 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 169 515,8-il miljun. B'mod globali, dan ifisser marġni taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2022 ta' EUR 1 167,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn.

— Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2022 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 170 603,3 miljun. Globalment, dan ifisser marġni taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2022 ta' EUR 1 695,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

— L-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2022 huwa mobilizzat f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-ammont ta' EUR 368,4 miljun għall-intestatura 6 *Il-Viċinat u d-Dinja*.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2021 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fl-2019, fl-2020, fl-2021 u fl-2022 huma stmati mill-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 467,2 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

Strument ta' Flessibbiltà – profil ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)

Sena ta' mobilizzazzjoni	2022	2023	2024	2025	**Total**
2019	140,9	82,2	0,0	0,0	**223,2**
2020	66,2	39,9	0,0	0,0	**106,1**
2021	40,9	10,3	7,6	0,0	**58,9**
2022	219,2	62,7	49,8	36,7	**368,4**
Total	**467,2**	**195,2**	**57,4**	**36,7**	**756,6**

B. **Baġit 2021**

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 5/2021 huwa approvat kif propost mill-Kummissjoni.

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 6/2021 huwa approvat kif propost mill-Kummissjoni

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

1. **Baġit 2022**

1.1. **Linji "magħluqa"**

Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor hawn taħt f'dawn il-konklużjonijiet, il-linji baġitarji kollha huma kkonfermati kif propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit għall-2022 kif emendat fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022.

Barra minn hekk, il-linji baġitarji kollha emendati mill-Kunsill u maqbula mill-Parlament fil-qari tiegħu huma kkonfermati kif emendati mill-Kunsill.

Għal-linji baġitarji l-oħra, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel dwar il-konklużjonijiet inklużi fit-taqsimiet 1.2 sa 1.7 ta' hawn taħt.

1.2. **Kwistjonijiet orizzontali**

Aġenziji deċentralizzati

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament u l-għadd ta' postijiet) għall-aġenziji deċentralizzati kollha hija stabbilita fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit għall-2022 kif emendat fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 bl-eċċezzjoni ta':

— Taħt is-subintestatura 2b:

— L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust, artikolu baġitarju 07 10 07) li għaliha ġew allokati 5 postijiet addizzjonali u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied bi EUR 380 000 meta jitqies il-medju tar-reklutaġġ f'nofs is-sena.

— L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE, artikolu baġitarju 07 10 08) li għalih il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied bi EUR 3 750 000 meta jitqies ir-reklutaġġ tat-tiswiħ propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit għall-2022 kif emendat fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 bħala medja fi tmiem l-ewwel trimestru minflok nofs is-sena.

— Taħt l-intestatura 4:

— L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO, artikolu baġitarju 10 10 01) li għalih ġew allokati 5 postijiet addizzjonali u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied bi EUR 380 000 meta wieħed iqis ir-reklutaġġ bħala medja f'nofs is-sena.

— L-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex, artikolu baġitarju 11 10 01) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 65 000 000.

Aġenziji eżekuttivi

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament u l-għadd ta' postijiet) għall-aġenziji eżekuttivi hija stabbilita fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2022.

Proġetti Pilota/Azzjonijiet Preparatorji

Ġie maqbul pakkett globali ta' 56 proġett pilota/azzjoni preparatorja (PP/AP), għal ammont totali ta' EUR 89,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, kif propost mill-Parlament.

Dan jinkludi l-azzjonijiet previsti "lejn il-ħolqien ta' Akkademja Diplomatika Ewropea" li se jiġu implimentati mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

Dan il-pakkett jirrispetta l-limiti massimi għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji previsti fir-Regolament Finanzjarju.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

1.3. **Intestaturi tan-nefqa tal-qafas finanzjarju – approprjazzjonijiet ta' impenn**

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq dwar il-linji baġitarji "magħluqa", l-aġenziji u l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni wasal għal ftehim fir-rigward ta' dan li ġej:

Intestatura 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt.

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
1.0.11	Orizzont Ewropa	12 179 157 276	12 239 157 276	60 000 000
01 02 02 10	Cluster "Saħħa"	571 730 809	606 730 809	35 000 000
01 02 02 40	Cluster "Soċjetà Diġitali, Industrija u Spazju"	1 264 161 905	1 272 161 905	8 000 000
01 02 02 50	Cluster "Klima, Enerġija u Mobbiltà"	1 281 577 680	1 290 577 680	9 000 000
01 02 02 60	Cluster "Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent"	1 003 750 348	1 011 750 348	8 000 000
1.0.31	Programm għas-Suq Uniku	583 544 000	613 544 000	30 000 000
03 02 02	Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq	121 450 000	151 450 000	30 000 000
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			40 937 500
	Total			**130 937 500**

Miż-żieda ta' EUR 30,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Programm għas-Suq Uniku (Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq, artikolu baġitarju 03 02 02), EUR 10,0 miljun għandhom jiġu ddedikati għall-forniment ta' diversi forom ta' appoġġ għas-settur tat-turiżmu.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 21 775,1 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 102,9 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 1.

Skont l-Artikolu 15.3 tar-RegolamentFinanzjarju ([1]), il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li jerġa' jagħmel disponibbli approprjazzjonijiet ta' impenn fuq il-linji baġitarji għar-riċerka għal total ta' EUR 117,3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, jiġifieri żieda ta' EUR 40,0 miljun meta mqabbel mal-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2022. Il-linja baġitarja li ġejja hija msaħħa u r-rimarki baġitarji tagħha riveduti kif xieraq:

(f'EUR)

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn
01 02 02 10	Cluster "Saħħa"	40 000 000
Total		**40 000 000**

Dawn l-approprjazzjonijiet huma parti mill-ammont globali sa EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) għall-perjodu 2021-2027 kif maqbul fil-qafas tal-ftehim dwar il-QFP. Dan iħalli sa EUR 372,8 miljun fi prezzijiet tal-2018 disponibbli għall-perjodu 2023-2027.

Subintestatura 2a – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			2 681 000
	Total			**2 681 000**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn jiġi stabbilit għal EUR 49 708,8 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 30,2 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tas-Subintestatura 2a.

Subintestatura 2b – Reżiljenza u Valuri

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt.

Fid-dawl tal-ambjent attwali tar-rata tal-imgħax u l-operazzjonijiet ta' finanzjament reċenti tal-NGEU – l-approprjazzjonijiet għal-linja baġitarja 06 04 01 jistgħu jitnaqqsu b'EUR 244,7 miljun, filwaqt li tiġi ppreservata bis-sħiħ il-kapaċità li jiġi ffinanzjat il-komponent mhux ripagabbli tal-NGEU fl-2022. Meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit, EUR 20 miljun oħra se jiġu posposti għall-2027, biex ipattu għal forniment minn qabel korrispondenti għall-programm l-UE għas-Saħħa.

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
2.2.13	Appoġġ lill-komunità Ċiprijotta Torka	33 276 000	34 276 000	1 000 000
05 04 01	L-għajnuna finanzjarja biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku tal-Komunità Ċiprijotta Torka	31 402 525	32 402 525	1 000 000
2.2.23	Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)	389 706 000	145 000 000	- 244 706 000
06 04 01	Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi meta jagħlaq	384 706 000	140 000 000	- 244 706 000
2.2.24	Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	95 254 030	101 254 030	6 000 000
06 05 01	Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescUE)	95 254 030	101 254 030	6 000 000
2.2.25	Programm l-UE għas-Saħħa	788 672 701	839 672 701	51 000 000
06 06 01	Programm l-UE għas-Saħħa	764 213 775	815 213 775	51 000 000
2.2.312	L-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali	104 482 000	106 482 000	2 000 000
07 02 04	L-FSE+ — il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali	102 482 000	104 482 000	2 000 000
2.2.32	Erasmus+	3 366 740 438	3 401 740 438	35 000 000
07 03 01 01	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ — Ġestjoni indiretta	2 331 521 972	2 361 274 626	29 752 654
07 03 02	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim mhux formali u l-parteċipazzjoni attiva fost iż-żgħażagħ, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam taż-żgħażagħ	346 973 114	351 400 945	4 427 831

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	**Baġit 2022**	**Differenza**
07 03 03	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-kowċis u tal-persunal sportiv, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport	64 216 157	65 035 672	819 515
2.2.33	Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES)	138 427 764	141 427 764	3 000 000
07 04 01	Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà	131 710 226	134 710 226	3 000 000
2.2.34	Ewropa Kreattiva	401 027 982	406 527 982	5 500 000
07 05 01	Kultura	125 597 589	131 097 589	5 500 000
2.2.352	Iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri	209 402 193	214 902 193	5 500 000
07 06 02	Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni	39 671 295	40 671 295	1 000 000
07 06 03	Daphne	29 581 401	33 581 401	4 000 000
07 06 04	Protezzjoni u promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni	91 787 552	92 287 552	500 000
2.2.3DAG	Aġenziji Deċentralizzati	242 132 181	246 262 181	4 130 000
07 10 07	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	45 423 578	45 803 578	380 000
07 10 08	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	53 351 846	57 101 846	3 750 000
2.2.3SPEC	Prerogattivi	180 389 773	182 889 773	2 500 000
07 20 04 06	Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali	23 020 900	25 520 900	2 500 000
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			35 303 000
	Total			**- 93 773 000**

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Iż-żieda ta' EUR 3,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, artikolu baġitarju 07 04 01) u EUR 5,0 miljun miż-żieda ta' EUR 35 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal Erasmus+ – għal effett ikkombinat ta' EUR 8 miljun – għandhom jiġu ddedikati għat-tħejjija u t-twettiq ta' attivitajiet bi qbil mas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn jiġi stabbilit għal EUR 6 330,2 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 130,8 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tas-Subintestatura 2b.

Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
3.2.21	Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)	708 045 484	755 545 484	47 500 000
09 02 01	Natura u bijodiversità	265 601 888	284 032 563	18 430 675
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	169 866 127	181 653 495	11 787 368
09 02 03	Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih	120 050 994	128 381 585	8 330 591
09 02 04	Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa	128 996 883	137 948 249	8 951 366
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			9 611 500
	Total			**57 111 500**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 56 235,4 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 283,6 miljun taħt il-limitu massimu tal-intestatura 3, li minnhom EUR 270,1 miljun taħt is-submarġni għal "Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti".

Intestatura 4 – Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
4.0.11	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	1 099 455 000	1 119 455 000	20 000 000

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
10 02 01	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	1 096 455 000	1 116 455 000	20 000 000
4.0.1DAG	Aġenziji Deċentralizzati	153 281 205	153 661 205	380 000
10 10 01	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO)	153 281 205	153 661 205	380 000
4.0.211	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) – Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (BMVI)	646 117 589	671 117 589	25 000 000
11 02 01	Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi	644 117 589	669 117 589	25 000 000
4.0.2DAG	Aġenziji Deċentralizzati	1 073 823 593	1 008 823 593	- 65 000 000
11 10 01	Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	757 793 708	692 793 708	- 65 000 000
	Total			**- 19 620 000**

Iż-żieda ta' EUR 20 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, l-artikolu baġitarju 10 02 01) għandha tiġi ddedikata għall-finanzjament tar-risistemazzjoni tar-refuġjati Afgani.

Iż-żieda ta' EUR 25 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) – Strument għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (BMVI) (Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi, artikolu baġitarju 11 02 01) għandha tiġi ddedikata għall-ġestjoni tal-kriżi tal-migranti fil-fruntiera tal-Belarussja.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 3 091,2 miljun, u jħalli marġni ta' EUR 99,8 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 4.

Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022. B'konsegwenza ta' dan, il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' impenn maqbul huwa stabbilit għal EUR 1 785,3 miljun, u jħalli marġni ta' EUR 82,7 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 5.

Intestatura 6 – Il-Viċinat u d-Dinja

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
6.0.111	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI — Ewropa Globali)	12 526 647 047	12 716 647 047	190 000 000
14 02 01 10	Il-Viċinat tan-Nofsinhar	1 604 861 026	1 629 861 026	25 000 000
14 02 01 11	Il-Viċinat tal-Lvant	699 703 445	709 703 445	10 000 000
14 02 01 30	Il-Lvant Nofsani u l-Asja Ċentrali	384 765 942	414 765 942	30 000 000
14 02 02 40	Nies – Sfidi globali	137 191 715	187 191 715	50 000 000
14 02 04	Riżervi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti	1 463 311 470	1 538 311 470	75 000 000
6.0.12	Għajnuna Umanitarja (HUMA)	1 595 059 463	1 806 059 463	211 000 000
14 03 01	Għajnuna Umanitarja	1 506 901 913	1 717 901 913	211 000 000
	Total			**401 000 000**

Għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, iż-żidiet fl-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 75 miljun (riżerva tal-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, l-artikolu baġitarju 14 02 04) u EUR 50 miljun (Nies – Sfidi Globali, linja baġitarja 14 02 02 40) għandhom jiġu ddedikati għall-miżuri għall-ġlieda kontra l-pandemija, inklużi l-vaċċini.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 17 170,4 miljun, mingħajr marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 6 u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal ammont ta' EUR 368,4 miljun.

Intestatura 7 – Amministrazzjoni Pubblika Ewropea

L-għadd ta' postijiet fit-tabella tal-persunal tal-istituzzjonijiet u l-approprjazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni fl-Abbozz tal-Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 huma maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— It-taqsima tal-Parlament Ewropew li għaliha l-qari tiegħu huwa approvat;

— It-taqsima tal-Kunsill, li għaliha l-qari tiegħu huwa approvat;

— It-taqsima tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għaliha jiżdiedu 9 postijiet fil-pjan ta' stabbiliment u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 684 000 meta wieħed iqis ir-reklutaġġ bħala medja f'nofs is-sena;

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

— It-taqsima tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) li għaliha 13-il post, marbuta mal-NGEU u sal-2027, jiżdiedu mal-pjan ta' stabbiliment u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 988 000 meta jitqies ir-reklutaġġ medju f'nofs is-sena;

— It-Taqsima tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li għaliha (i) ir-riżorsi tal-persunal jiżdiedu b'7 postijiet fil-pjan ta' stabbiliment u 3 Aġenti Kuntrattwali u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'EUR 655 000 meta jitqies ir-reklutaġġ medju f'nofs is-sena, (ii) il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'EUR 990 500 għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti "lejn il-ħolqien ta' Akkademja Diplomatika Ewropea", kif propost mill-Parlament Ewropew fil-qari tiegħu u (iii) il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'1,0 miljun għal EUR 2 2 miljun għall-"kapaċità ta' komunikazzjoni strateġika";

L-aġġustamenti, li jirriżultaw f'żieda ta' EUR 0,8 miljun tal-intestatura 7, huma spjegati fid-dettall fit-tabelli li ġejjin:

Taqsima 2 – Kunsill Ewropew u Kunsill

Linja baġitarja / Programm	**Isem**	**Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)**		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	**Baġit 2022**	**Differenza**
1 1 0 0	Salarji Bażiċi	265 982 044	265 970 746	- 11 298
1 1 0 2	Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin maċ-ċirkostanzi personali tal-membru tal-persunal	66 765 000	66 778 000	13 000
1 1 0 3	Kopertura għas-sigurtà soċjali	10 946 000	10 947 000	1 000
2 0 1 0	Tindif u manutenzjoni	18 635 000	18 335 000	- 300 000
2 1 0 0	Akkwist ta' tagħmir u software	14 385 716	12 285 716	- 2 100 000
2 1 0 1	Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter	27 839 685	27 509 685	- 330 000
2 2 0 4	Nefqiet varji għal laqgħat interni	5 235 000	4 635 000	- 600 000
2 2 1 3	Tagħrif u avvenimenti pubbliċi	5 358 250	5 158 250	- 200 000
	Total			**- 3 527 298**

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Taqsima 4 – Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Linja bażitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Bażit 2022	Differenza
1 2 0 0	Pagi u allowances	287 078 950	287 762 950	684 000
	Total			**684 000**

Taqsima 5 – Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Linja bażitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Bażit 2022	Differenza
1 2 0 0	Rimunerazzjoni u allowances	118 344 775	119 332 775	988 000
	Total			**988 000**

Taqsima 10 – Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Linja bażitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Bażit 2022	Differenza
1 1 0 0	Salarji Bażiċi	116 638 000	117 170 000	532 000
1 2 0 0	Persunal bil-kuntratt	18 671 800	18 794 800	123 000
2 2 1 4	Kapaċità ta' Komunikazzjoni Strateġika	4 000 000	5 000 000	1 000 000
2 2 5 0	Proġett Pilota – Lejn il-ħolqien ta' Akkademja Diplomatika Ewropea		990 500	990 500
	Total			**2 645 500**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 10 620,1 miljuni, li jħalli marġni ta' EUR 437,9 miljun taħt il-limitu massimu tal-intestatura 7, li minnhom EUR 240,1 miljun huma taħt is-submarġni għan-"Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet".

Strumenti tematiċi speċjali: FEG, SEAR u BAR

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG), u r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Bażit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

1.4. **Approprjazzjonijiet ta' pagament**

Il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament globali fil-Baġit tal-2022 huwa stabbilit fil-livell tal-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2022, bl-aġġustamenti li ġejjin maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

1. Jitqies il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għan-nefqa mhux differenzjata (l-intestaturi 1 sa 6), li għaliha l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa ugwali għal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn. Dan japplika għat-tnaqqis tal-kost tal-finanzjament tal-Istrument Ewropew għall-Irkupru (EURI) b'EUR 244,7 miljun. Meta jitqies ukoll l-aġġustament għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-aġenziji deċentralizzati, l-effett ikkombinat huwa tnaqqis ta' EUR 305,2 miljun;

2. L-aġġustament taħt l-intestatura 7 li jirriżulta f'żieda ta' EUR 0,8 miljun;

3. L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-proġetti pilota *ġodda* u għall-azzjonijiet preparatorji kollha ġodda proposti mill-Parlament huma stabbiliti fil-livell ta' 25 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn korrispondenti jew, fil-livell propost mill-Parlament, jekk ikun iktar baxx. Fil-każ ta' estensjoni ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji eżistenti, il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament huwa dak definit fl-Abbozz ta' Baġit kif emendat mill-Ittra emendatorja 1/2022 flimkien ma' 25 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda korrispondenti, jew fil-livell propost mill-Parlament, jekk ikun aktar baxx. L-effett ikkombinat huwa żieda ta' EUR 22,1 miljun;

4. L-aġġustamenti għal-linji baġitarji tan-nefqa differenzjata li għalihom l-effett ikkombinat huwa żieda ta' EUR 262,0 miljun.

L-aġġustamenti, li jirriżultaw fi tnaqqis globali ta' EUR 20,3 miljun, huma spjegati fid-dettall fit-tabella li ġejja:

Linja baġitarja / Programm	**Isem**	**Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)**		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	**Baġit 2022**	**Differenza**
Intestatura 1				
1.0.23	Programm Ewropa Diġitali	898 530 703	848 530 703	- 50 000 000
02 04 01 11	Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà	33 192 982	17 192 982	- 16 000 000
02 04 03	Intelliġenza artifiċjali	245 811 860	214 811 860	- 31 000 000
02 04 04	Ħiliet	52 000 000	49 000 000	- 3 000 000
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			10 234 375
	Total Intestatura 1			**- 39 765 625**
Subintestatura 2a				
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			670 250
	Total Subintestatura 2a			**670 250**
Subintestatura 2b				
2.2.23	Il-kost ta' finanzjament tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)	389 706 000	145 000 000	- 244 706 000

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
06 04 01	Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi meta jagħlaq	384 706 000	140 000 000	- 244 706 000
2.2.24	Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	180 866 480	186 866 480	6 000 000
06 05 01	Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	94 547 220	100 547 220	6 000 000
2.2.32	Erasmus+	3 273 756 286	3 300 756 286	27 000 000
07 03 01 01	Il-promozzjoni tal-mobbilità għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ — Ġestjoni indiretta	2 220 525 000	2 243 477 048	22 952 048
07 03 02	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim mhux formali u l-parteċipazzjoni attiva fost iż-żgħażagħ, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam taż-żgħażagħ	310 000 000	313 415 755	3 415 755
07 03 03	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-kowċis u tal-persunal sportiv, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport.	55 000 000	55 632 197	632 197
2.2.3DAG	Aġenziji Deċentralizzati	233 643 002	237 773 002	4 130 000
07 10 07	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	45 226 899	45 606 899	380 000
07 10 08	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	53 351 846	57 101 846	3 750 000
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			8 825 750
	Total Subintestatura 2b:			**- 198 750 250**

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Linja bażitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Bażit 2022	Differenza
Intestatura 3				
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			2 402 875
	Total Intestatura 3			**2 402 875**
Intestatura 4				
4.0.11	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	1 276 766 000	1 291 766 000	15 000 000
10 02 01	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	661 766 000	676 766 000	15 000 000
4.0.1DAG	Aġenziji Deċentralizzati	153 281 205	153 661 205	380 000
10 10 01	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO)	153 281 205	153 661 205	380 000
4.0.211	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) – Strument għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (BMVi)	490 891 340	510 891 340	20 000 000
11 02 01	Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi	191 891 340	211 891 340	20 000 000
4.0.2DAG	Aġenziji Deċentralizzati	1 050 691 460	985 691 460	- 65 000 000
11 10 01	Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	757 793 708	692 793 708	- 65 000 000
	Total Intestatura 4			**- 29 620 000**
Intestatura 5:				
Intestatura 6				
6.0.111	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI — Ewropa Globali)	7 858 721 595	7 891 721 595	33 000 000
14 02 04	Riżervi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti	1 000 000 000	1 033 000 000	33 000 000
6.0.12	Għajnuna Umanitarja (HUMA)	1 880 645 990	2 091 645 990	211 000 000
14 03 01	Għajnuna Umanitarja	1 797 851 440	2 008 851 440	211 000 000
	Total Intestatura 6			**244 000 000**

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

Linja baġitarja / Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2022 (inkl. IE 1)	Baġit 2022	Differenza
Intestatura 7				
7.2.2	Kunsill Ewropew u Kunsill	615 000 854	611 473 556	- 3 527 298
7.2.4	Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	464 090 000	464 774 000	684 000
7.2.5	Qorti Ewropea tal-Awdituri	161 153 175	162 141 175	988 000
7.2.X	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	775 069 920	777 715 420	2 645 500
	Total Intestatura 7			**790 202**
TOTAL				**- 20 272 548**

Kumplessivament dan jirriżulta f'livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 170 603,3 miljun, tnaqqis ta' EUR 20,3 miljun meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022.

1.5. **Riżervi**

Ma hemm l-ebda riżerva minbarra dawk tal-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022.

1.6. **Kummenti baġitarji**

It-test tal-kummenti baġitarji jikkorrispondi għall-Abbozz ta' Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2022 bl-aġġustamenti li ġejjin maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

— Linji baġitarji li fir-rigward tagħhom ġew introdotti emendi mill-Parlament Ewropew għat-taqsima tiegħu stess huma approvati mingħajr modifiki:

— Linji baġitarji li fir-rigward tagħhom l-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew huma approvati mingħajr modifiki:

Artikolu 07 10 01 — Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)

It-test jiġi emendat kif ġej:

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound) tipprovdi u xxerred għarfien importanti dwar kwistjonijiet soċjali u relatati max-xogħol u biex tikkontribwixxi għal politiki sodi u bbażati fuq l-elementi konkreti f'dawk l-oqsma. L-attività ewlenija tagħha tirrigwarda r-riċerka fl-oqsma tal-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet industrijali u l-kwalità tal-ħajja. L-attivitajiet tal-Eurofound jikkontribwixxu għall-prijoritajiet li ġejjin: aktar parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-qgħad bil-ħolqien ta' impjiegi, titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol u promozzjoni tal-***integrazzjoni u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri***; it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u li x-xogħol isir sostenibbli tul il-ħajja kollha, l-iżvilupp ta' relazzjonijiet industrijali li jiżguraw soluzzjonijiet ekwi u produttivi f'kuntest ta' politiki li qed jinbidel, it-titjib tal-istandards tal-għajxien u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali fid-dawl tad-disparitajiet ekonomiċi u ***l-inugwaljanzi soċjali, pereżempju d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi***.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

— Linji baġitarji li għalihom il-kumment baġitarju rispettiv kif propost fl-Abbozz ta' Baġit kif emendat bl-Ittra Emendatorja, huma approvati bil-modifiki li ġejjin:

— **Partita 01 02 02 53** — Cluster Klima, Enerġija u Mobbiltà — Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea

Il-paragrafu jiġi emendat kif ġej:

L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari l-cluster Klima, Enerġija u Mobbiltà. Hija se tħaffef l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi (speċjalment dawk diġitali u l-awtomatizzazzjoni) biex tinkiseb ***sistema ferrovjarja Ewropea aktar attraenti, faċli għall-utent, kompetittiva, affordabbli, faċli biex issir il-manutenzjoni tagħha u effiċjenti*** u biex jinkisbu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, pereżempju, li parti sostanzjali mill-75 % tal-merkanzija interna li tinġarr bit-triq tiġi ttrasferita lejn trasport bil-ferrovija u fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

— **Partita 07 20 04 06** — Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali

Emenda l-paragrafu kif ġej:

— azzjonijiet dwar il-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej, b'mod partikolari biex ikopru l-kostijiet bil-għan li jiġu megħjuna jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fejn jidħol l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni, ***b'mod partikolari wara l-kriżi tal-COVID-19.***

— **Partita 1 3 0 1, Taqsima 10 Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna** — Taħriġ

Jiżdied it-test li ġej:

Il-baġit għat-taħriġ għandu juri b'mod ċar u jappoġġja l-importanza tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sensittività u l-ġlieda kontra l-preġudizzji tal-ġeneru, inkluża l-politika kontra l-fastidju, fl-istituzzjonijiet tagħna stess (inklużi l-Kwartieri Ġenerali tas-SEAE, id-Delegazzjonijiet tal-UE kif ukoll il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK), anke fil-proċeduri tal-għażla. Dan għandu jinkludi taħriġ obbligatorju u inizjattivi, b'attenzjoni speċjali għar-responsabbiltà tal-maniġment medju u superjuri f'dawn l-oqsma, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal relatat.

— F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li jagħmel l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli mill-ġdid fil-linja baġitarja 01 02 02 10. Ir-rimarki tal-baġit se jiġu aġġustati kif xieraq:

Linja baġitarja	Isem
01 02 02 10	*Jiżdied it-test li ġej:* **F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, huwa disponibbli ammont ta' EUR 40 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal din il-partita tal-baġit b'żieda mad-dižimpenji li saru fl-2020 b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka.**

Dan hu bbażat fuq il-fehim li l-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jistgħux jimmodifikaw jew jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' bażi legali eżistenti, jew jaffettwaw l-awtonomija amministrattiva tal-istituzzjonijiet, u li l-azzjoni tista' tiġi koperta minn riżorsi disponibbli.

1.7. **Nomenklatura tal-baġit**

In-nomenklatura tal-baġit proposta mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendata bl-Ittra Emendatorja 1/2022, hija maqbula, bl-inklużjoni tal-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji *ġodda* minbarra l-proġett pilota ġdid "Monitoraġġ tal-SDGs fir-reġjuni tal-UE – Il-mili tan-nuqqasijiet fid-data" li se jiġi implimentat taħt l-intestatura 1 tal-QFP, l-artikolu baġitarju PP 01 22 06 minflok taħt is-subintestatura 2b tal-QFP.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

2. **Baġit 2021**

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) 5/2021 huwa approvat kif propost mill-Kummissjoni.

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) 6/2021 huwa approvat kif propost mill-Kummissjoni.

3. **Dikjarazzjonijiet**

3.1. **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jappellaw lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u b'mod attiv matul is-sena 2022 l-implimentazzjoni tal-programmi tal-QFP attwali u preċedenti (b'mod partikolari fis-subintestatura 2a u l-Iżvilupp Rurali). Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta, b'mod f'waqtu, ċifri aġġornati li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali u l-istimi rigward l-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2022 (b'kont meħud tal-preċiżjoni mtejba tal-previżjonijiet tal-Istati Membri fejn applikabbli). Jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2022 mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, *fost l-oħrajn* abbozz ta' baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa malajr kemm jista' jkun mingħajr dewmien żejjed għal ħtiġijiet ġustifikati. Fejn applikabbli, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iqisu l-urġenza tal-kwistjoni, billi jnaqqsu l-perijodu ta' tmien ġimgħat għal deċiżjoni jekk jitqies meħtieġ. L-istess japplika *mutatis mutandis* jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit għall-2022 jkunu ogħla minn kemm ikun meħtieġ.

3.2. **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-ispiża tal-finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) fl-2022**

Bis-saħħa tal-ambjent favorevoli attwali tar-rata tal-imgħax u b'kont meħud tal-ispiża tal-ħruġ tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-NGEU s'issa din is-sena, l-approprjazzjonijiet ippjanati għall-ispiża tal-finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru [linja baġitarja 06 04 01] jistgħu jitnaqqsu filwaqt li tiġi ppreservata bis-sħiħ il-kapaċità li jiġi ffinanzjat il-komponent mhux ripagabbli tal-NGEU fl-2022.

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji jistabbilixxi li "Il-ħlasijiet lura tal-kapital tal-fondi għandhom jibdew qabel tmiem il-perjodu tal-QFP 2021-2027, b'ammont minimu, sa fejn jippermettu l-ammonti mhux użati għal pagamenti tal-imgħax dovuti taħt is-self imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE".

Barra minn hekk, il-premessa 20 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tiddikjara "*l-ammonti mhux użati għall-ħlas tal-imgħax kif previst ser jintużaw għall-ħlas lura bikri qabel tmiem il-QFP 2021-2027, b'ammont minimu, u jistgħu jiżdiedu 'l fuq minn dan il-livell dment li riżorsi proprji ġodda jkunu ġew introdotti wara l-2021 f'konformità mal-proċedura li tinsab fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE*'.

Peress li l-ebda ħlas lura tal-kapital mhu ser ikun possibbli fl-2022:

— Ammont ta' EUR 90 miljun, li minnhom EUR 70 miljun diġà huma inklużi fl-Abbozz tal-baġit, ser jiġu posposti għall-2027 meta jkunu jistgħu jintużaw jew għal pagamenti tal-imgħax jew għal ripagamenti bikrija. Dan il-posponiment lejn tmiem il-perijodu huwa kkumpensat minn forniment korrispondenti minn qabel tal-programm EU4Health.

— Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li jżidu l-ammonti disponibbli fil-linja baġitarja 06 04 01 b'EUR 224,7 miljun matul il-perijodu 2024-2027, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni u wara l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-possibbiltajiet għal ripagamenti bikrija, bl-użu tal-marġnijiet disponibbli u bil-mobilizzazzjoni tal-istrument ta' marġni uniku filwaqt li jiġi rrispettat l-ipprogrammar finanzjarju għall-programmi fl-Intestatura 2b.

Dan il-mekkaniżmu jiżgura li l-ammont totali għal-linja EURI inkluż fl-ipprogrammar finanzjarju oriġinali għall-2022 ser jintuża għall-pagamenti tal-imgħax jew għar-ripagamenti bikrija matul il-QFP 2021-2027.

3.3. **Dikjarazzjoni unilaterali tal-Kummissjoni dwar il-prudenza baġitarja fir-rigward tal-linja tal-imgħax EURI**

Il-Kummissjoni tfakkar li l-linja tal-imgħax EURI ([linja baġitarja 06 04 01]) isservi għall-ħlas tal-ispejjeż tal-finanzjament u tal-likwidità tas-self tal-NGEU sa fejn dawn ikunu attribwiti lill-Baġit tal-UE. Ammonti mhux użati għal pagamenti ta' imgħax, għandhom jintużaw għal ripagamenti bikrija tad-dejn skont l-Artikolu 5(2) u l-Premessa 20 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.

Iż-żieda fl-inflazzjoni titlob prudenza baġitarja msaħħa fir-rigward tal-ġestjoni tal-linja tal-imgħax EURI fid-dawl tal-possibbiltà li r-rati tal-imgħax nominali jkunu ogħla minn dawk preżunti fl-ipprogrammar ta' din il-linja.

Għalhekk, fil-kwittanza tar-responsabbiltajiet tagħha skont l-Artikolu 314 (TFUE), il-paragrafi 2, 5 u 8, il-Kummissjoni ser tipproponi miżuri baġitarji li, jekk jiġu adottati, ser jiżguraw li l-ammont globali oriġinarjament ippjanat fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 [EUR 14 976 miljun fi prezzijiet attwali] għal-linja EURI jintuża bis-sħiħ għall-ħlas tal-ispiża tal-imgħax jew għar-ripagamenti bikrija.

Il-Kummissjoni ser tirrapporta kull sena fil-qafas tal-preżentazzjoni tal-abbozz tal-baġit dwar l-implimentazzjoni kumulattiva tal-linja EURI, l-ammonti posposti fuq il-linja EURI u l-ammont riżervat taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku biex jintlaħaq dan l-objettiv.

3.4. **Dikjarazzjoni unilaterali mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-indirizzar tal-faqar fost it-tfal taħt il-Fond Soċjali Ewropew+**

L-indirizzar tal-faqar fost it-tfal ser isir saħansitra aktar importanti speċjalment fil-kuntest tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 u jeħtieġ li jiġu ddedikati biżżejjed riżorsi għalih. Għal dan il-għan, ir-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jirrikjedi li l-Istati Membri jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi ta' ġestjoni kondiviża tal-FSE+ tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal permezz ta' azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jindirizzaw il-faqar fost it-tfal. Allokazzjoni minima espliċita ta' 5 % hija stabbilita għall-Istati Membri kollha li kellhom rata medja ogħla mill-medja tal-Unjoni ta' tfal ta' inqas minn 18-il sena f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali għall-perijodu bejn l-2017 u l-2019.

In-negozjati dwar il-programmi 2021-27 bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għadhom għaddejjin u l-ammonti eżatti li għandhom jiġu pprogrammati b'appoġġ għall-Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha ser ikunu magħrufa ladarba dan il-proċess ikun tlesta.

F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal {SWD (2021) 62 final} u abbażi ta' rapporti mill-koordinaturi tal-Garanzija għat-Tfal tal-Istati Membri u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kummissjoni ser tirrapporta regolarment dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-Garanzija għat-Tfal. Il-Kummissjoni ser tissorvelja wkoll mill-qrib l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-Istati Membri jistgħu jipprogrammaw il-finanzjament għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti fir-Regolament tal-FSE+. Huma jistgħu jużaw ukoll riżorsi oħra tal-UE, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll il-finanzjament nazzjonali tagħhom stess.

3.5. **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-intenzjoni li jiġu pprovduti riżorsi massimi fil-każ ta' diżastri naturali taħt il-fergħa tal-FSUE tas-SEAR fl-2022**

It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu li l-firxa eċċezzjonali tad-diżastri naturali li seħħew fl-2021 toħloq pressjoni fuq id-disponibbiltajiet taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE). Il-FSUE huwa ffinanzjat esklużivament mir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza (SEAR), mingħajr ebda possibbiltà ta' rikors għal sorsi oħra ta' finanzjament.

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel li jsaħħaħ l-għajnuna umanitarja fl-Intestatura 6 b'EUR 211-il miljun fil-baġit tal-2022. Għalhekk huwa possibbli li jiġi limitat ir-rikors għall-pakkett tas-SEAR għal emerġenzi esterni matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Awwissu 2022, u b'hekk jiġu liberati riżorsi addizzjonali għall-FSUE fl-1 ta' Settembru 2022 ekwivalenti għall-ammont tat-tiswija tal-għajnuna umanitarja taħt l-Intestatura 6. Dan ser jippermetti li tintwera solidarjetà massima mal-Istati Membri kkonċernati mid-diżastri naturali filwaqt li tiżdied il-kapaċità tal-baġit tal-UE li jirreaġixxi malajr għal emerġenzi esterni.

3.6. **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar it-tiswija tal-pjan ta' stabbiliment tal-Qorti tal-Awdituri**

Il-PE u l-Kunsill jirrikonoxxu li l-NGEU ser twassal għal ammont ta' xogħol addizzjonali għall-Qorti tal-Awdituri li ma jistax jiġi kkumpensat bis-sħiħ permezz ta' riallokazzjoni fi ħdan il-baġit eżistenti. Għalhekk huma jaqblu dwar żieda fil-pjan ta' stabbiliment tal-Qorti b" 20 kariga fl-2022.

Il-PE u l-Kunsill jissottolinjaw l-importanza li jagħtu lill-ħidma tal-Qorti tal-Awdituri, b'mod partikolari fir-rigward tal-awditi finanzjarji u ta' konformità li l-Qorti twettaq sabiex tissodisfa l-kompitu primarju tagħha li teżamina jekk id-dħul kollu jkunx ġie riċevut u l-infiq kollu jkunx sar b'mod legali u regolari, li huma marbuta b'mod inseparabbli mal-awditi tal-prestazzjoni biex jiġu eżaminati l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività fil-ġestjoni tal-Baġit tal-UE, bħala żewġ naħat tal-istess munita. Is-soliditá tal-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tagħha hija pedament għal-leġittimità tal-Unjoni.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021

F'dan il-kuntest il-PE u l-Kunsill iqisu li huwa essenzjali li l-Qorti talloka biżżejjed riżorsi għall-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet ewlenin.

B'mod ġenerali, il-PE u l-Kunsill jirrikonoxxu wkoll l-importanza tar-rakkomandazzjonijiet li l-Qorti tagħti abbażi tal-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu TFUE, filwaqt li jinnotaw li l-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li din id-dispożizzjoni *"hija maħsuba biex tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-Unjoni billi tipprevedi li r-rapporti jiġu trażmessi lill-istituzzjonijiet u li dawn tal-aħħar iwieġbu għalihom"*.

Il-PE u l-Kunsill jistiednu lill-Qorti tinkludi fid-dokumenti ta' ħidma għal eżerċizzji baġitarji futuri ħarsa ġenerali tal-allokazzjoni tal-persunal fis-sena preċedenti għal attivitajiet għall-awditi finanzjarji, tal-konformità u tal-prestazzjoni, għall-ħidma abbażi tal-Artikolu 287(4) TFUE u għas-servizzi ta' appoġġ.

3.7. **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-evoluzzjoni tal-pandemija fl-2022**

It-tliet istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jirrieżaminaw l-evoluzzjoni tar-rispons għall-pandemija sal-aħħar ta' Ġunju 2022, b'mod partikolari fir-rigward tat-tilqim internazzjonali u fuq din il-bażi ser jikkunsidraw kwalunkwe azzjoni meħtieġa kif propost mill-Kummissjoni.

3.8. **Dikjarazzjoni unilaterali mill-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni**

Minħabba l-ħtiġijiet kontinwi previsti fis-snin li ġejjin, il-Kummissjoni tikkonferma l-pjan tagħha li tiżgura li l-finanzjament annwali medju għall-migrazzjoni għall-Viċinat tan-Nofsinhar mill-allokazzjoni tal-Viċinat NDICI-GE u, jekk meħtieġ, minn strumenti oħra, jibqa' mill-inqas fil-livell previst għall-2022.

3.9. **Dikjarazzjoni unilaterali mill-Kummissjoni dwar l-Intestatura 7**

Il-Kummissjoni tfakkar li l-ipprogrammar finanzjarju tal-Intestatura 7 huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li l-livelli tal-persunal tal-Istituzzjonijiet jibqgħu stabbli. Hija tosserva li l-Baġit 2022 mhuwiex konsistenti ma' din is-suppożizzjoni u tissottolinja li, fl-isfond tal-inflazzjoni li qed tiżdied, żidiet futuri fil-persunal jistgħu jwasslu għal pressjonijiet fuq l-Intestatura 7 fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.